MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ABIGAIL LOFARO

Seduta tas-6 ta' Novembru, 2003

Numru 1/2003

Fl-atti tar-rikors Raymond Debono
vs
Kummissarju tal-Pulizija

Il-Qorti;

Rat ir-rikors ta' Raymond Debono tad-29 ta' Awissu, 2003 fejn talab bir-rispett illi din il-Qorti jogghobha illi wara li tisma l-provi mehtiega tiddeciedi illi l-kwerela kif maghmula mir-rikorrenti hija gustifikata u ghaldaqstant tordna lill-Kummisarju tal-Pulizija sabiex jistitwixxi l-proceduri kontra Kevin Debono u Marco Mifsud dwar ir-reati kollha indikati fl-istess kwerela tar-rikorrenti tas-7 ta' Lulju, 2003 u dan taht kull provvediment xieraq u opportun li joghgobha taghti din l-Onorabbli Qorti;

Rat id-digriet ta' din il-Qorti tat-2 ta' Settembru, 2003, ic-cedola ta' depozitu tar-rikorrent Raymond Debono tal-5 ta' Settembru, 2003, id-digriet taghha tal-10 ta' Settembru, 2003;

Semghet il-provi li tressqu mill-Kummissarju tal-Pulizija u mir-rikorrenti;

Rat ukoll id-digriet taghha tal-24 ta’ Ottubru, 2003;

Ikkunsidrat :

Illi waqt is-seduta tal-24 ta’ Ottubru, 2003 l-Ispettur Peter Paul Zammit ghall-Kummissarju tal-Pulizija attira l-attenzjoni tal-Qorti li ai termini tal-ewwel proviso tal-Artikolu 5411 tal-Kap. 9 huwa kwezit sine qua non li l-applikant jikkonferma bil-gurament l-informazzjoni, rapport, jew kwerela u jaghmel garanzija ta’ somma li tiffissa din il-Qorti u dana qabel ma tittiehed kwalunkwe azzjoni fuq din l-applikazzjoni, u jidher mill-atti illi tali konferma guramentata ma saritx.

Semghet it-trattazzjoni tar-rikors;

Ikkunsidrat :

Il-Qorti wara illi rat l-atti kollha processwali tirrileva b’dispjacir illi huwa minnu illi r-rikorrenti ma ikkonfermax bil-gurament l-informazzjoni, rapport jew kwerela. Huwa ghamel garanzija ta’ somma li giet iffissata mill-Qorti illi huwa jaghti x-xhieda tieghu fil-kawza, pero’ skond kif jipprovdi l-Artikolu 451 (1) tal-Kap. 9 u precizament fl-ewwel provizo tieghu l-appellant irid qabel ma jsir jikkonferma taht gurament l-informazzjoni, rapport, jew kwerela illi jkun ghamel lill-pulizija.

Illi una volta dan il-kwezit ma giex osservat mir-rikorrent l-Qorti ma ghandha l-ebda alternattiva hlief illi tichad it-talba tieghu. Madana- kollu l-Qorti thoss illi ghandha tordna komunika ta’ dan id-digriet, kif ukoll ta’ l-atti kollha ta’ dan ir-rikors lill-Kummissarju tal-Pulizija ghal kull interess illi jista jkollu.

Il-Qorti tordna wkoll komunika ta’ dan id-digriet lill-Avukat Generali fiz-zmien li trid il-Ligi.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------